Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/871

21.3.2024

# DEĊIŻJONI (UE) 2024/871 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-8 ta' Marzu 2024**

**dwar l-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2023 (BĊE/2024/8)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/41) ([2]), għandu jinħareġ avviż tariffarju kull sena mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) lil kull debitur tariffarju fi żmien sitt xhur wara l-bidu tal-perijodu tariffarju li jmiss.

(2) Skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41) it-tariffi superviżorji annwali li għandhom jiġu imposti fuq l-entitajiet taħt superviżjoni huma kkalkulati fuq il-bażi tal-ispejjeż annwali tal-BĊE. L-ammont tal-ispejjeż annwali jiġi ddeterminat abbażi tal-ammont tan-nefqa annwali li jikkonsisti fi kwalunkwe spiża mġarrba mill-BĊE fil-perijodu tariffarju rilevanti li tkun relatata direttament jew indirettament mal-kompiti superviżorji tiegħu.

(3) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41), sabiex jiġu kkalkulati t-tariffi superviżorji annwali pagabbli fir-rigward ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni, u entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni, l-ispejjeż annwali għandhom jinqasmu fuq il-bażi tal-ispejjeż allokati għall-funzjonijiet rilevanti li jwettqu s-superviżjoni diretta tal-entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u tal-gruppi sinifikanti taħt superviżjoni u s-superviżjoni indiretta ta' entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u ta' gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni.

(4) Skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41), ammonti tariffarji relatati mal-perijodi tariffarji preċedenti li ma kinux għall-ġbir, ħlasijiet ta' imgħax riċevuti skont l-Artikolu 14 u ċerti ammonti oħra riċevuti jew rifużi skont l-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament, jekk hemm, għandhom jittieħdu inkunsidrazzjoni wkoll meta jiġu ddeterminati l-ispejjeż annwali.

(5) Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41), fi żmien erba' xhur wara t-tmiem ta' kull perijodu tariffarju, l-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għal kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni għal dak il-perijodu tariffarju għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-BĊE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17) ([3]) u r-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41).

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar it-tariffi superviżorji (BĊE/2014/41) (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 23).
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

*Artikolu 2*

**Ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2023**

1. L-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali għall-2023 għandu jkun ta' EUR 653 723 537, ikkalkulati kif jidher fl-Anness.

2. Kull kategorija ta' entitajiet taħt superviżjoni u gruppi taħt superviżjoni għandha tħallas l-ammont totali ta' tariffi superviżorji annwali li ġej:

(a) entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni: EUR 626 488 841;

(b) entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni: EUR 27 234 696.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Marzu 2024.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

*ANNESS*

**Kalkolu tal-ammont totali ta’ tariffi superviżorji annwali għall-2023**

*(EUR)*

| | Entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi sinifikanti taħt superviżjoni | Entitajiet inqas sinifikanti taħt superviżjoni u gruppi inqas sinifikanti taħt superviżjoni | Total |
|---|---|---|---|
| **Spejjeż annwali attwali għall-2023** | 626 264 932 | 27 238 475 | **653 503 407** |
| **Ammonti meħudin inkunsiderazzjoni skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE/2014/41)** | | | |
| *Ammonti tariffarji relatati mal-perijodi tariffarji preċedenti li ma setgħux jinġabru* | | | |
| *Ħlasijiet ta’ imgħax riċevuti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament imsemmi iktar ’il fuq* | – 162 717 | – 19 419 | **– 182 137** |
| *Ammonti riċevuti jew rifużi skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament imsemmi iktar ’il fuq* | 386 626 | 15 640 | **402 266** |
| **TOTAL** | **626 488 841** | **27 234 696** | **653 723 537** |
| (Jista’ jkun li t-totali ma jaqblux minħabba t-tqarrib għall-eqreb euro.) | | | |